# MIGUEL DE CERVANTES,
# *DON KIHOTE*
## Prologu

**Maqlub mill-Ispanjol minn J. AZZOPARDI S.J.**

Qarrej diżokkupat, mingħajr ġurament tista' temminni li nixtieq li dan il-ktieb, bħala iben intellett, ikun l-iktar sabiħ, l-iktar spiritwż u l-iktar prudenti li wieħed jista' jimmaġina. Iżda ma stajtx jien nibdel l-ordni tan-natura, li fiha kull ħaġa twelled dik li tixbaħha. U hekk, min seta' jwelled il-ġenju tiegħi ħawli u ftit ikkultivat, jekk mhux l-istorja ta' iben niexef, imkemmex, fantastiku, u mimli ħsibijiet diversi u li wieħed qatt ma mmaġina: hekk kif wieħed weldu f'ħabs, fejn wieħed ikollu kull inkomdu, u fejn ikun hemm kull storbju li jġiblek id-dwejjaq? Il-kwiet, il-post tal-mistrieħ, is-serħan tal-għelieqi, is-serenità tas-smewwiet, iċ-ċarċir tal-għejjun, il-kwiet ta' l-ispirtu huma parti kbira biex il-mużi l-ktar ħawlin jagħtu l-frott, u jagħtu twelid lid-dinja li jimlewha bl-għaġeb u l-ferħ. Kultant jiġri li missier ikollu iben ikreh u mingħajr ebda grazzja, u l-imħabba li għandu għalih tqegħdlu għamad fuq għajnejh hekk li ma jarax id-difetti tiegħu, u jiġġudikahom bħala prudenza u ġmiel, u jirrakkuntahom ma' ħbiebu bħala wieħed li jilħaqlu u grazzjuż. Iżda jien, għad li nidher missier, jien parrinu ta' D. Kiħote, ma rridx immur mal-kurrent tad-drawwa, l-inqas nitolbok kważi bid-dmugħ f'għajnejja, kif jagħmlu oħrajn, qarrej l-iktar għażiż, biex taħfer jew taħbi d-difetti li għad tara f'dan ibni: u mbagħad la tiġi minnu u l-inqas int ħabibu, u għandek ruħek f'ġismek u għandek rajk għal kollox f'idejk, u qiegħed f'darek, fejn int is-sid, bħar-Re fuq it-tributi tiegħu, u taf b'dak li s-soltu jgħidu, li taħt il-mantar tiegħi noqtol ir-Re. Dan kollu jeżentak u jagħmlek ħieles minn kull rispett u obbligu, u hekk tista' tgħid fuq l-istorja dak kollu li jidhirlek, mingħajr biża' li jikkalunjawk għall-ħażin, l-inqas li jippremjawk għat-tajjeb li tgħid fuqha.

Irrid biss nagħtihielek nadifa u b'xejn, mingħajr l-ornament ta' prologu, u l-inqas in-numru bla għadd ta' katalgu ta' sunetti, epigrammi u eloġji li s-soltu jitqiegħdu fil-bidu tal-kotba. Għaliex naf ngħidlek li, għad li swieli xi xogħol niktibha, ma sibt xejn ikbar milli nagħmel din id-daħla li qed taqra. Hafna drabi qbadt

il-pinna biex niktibha, u ħafna drabi ħallejtha, li ma kont naf kif niktibha; u hekk kif kont qed naħsibha, bil-karta quddiemi, il-pinna fil-widna, il-minkeb fuq id-desk u idi taħt ilħiti, naħseb x'għandi ngħid, daħal ħabta u sabta ħabib tiegħi grazzjuż u fin, li meta rani hekk imħasseb, staqsieni x'kienet ir-raġuni, u ma qgħadtx naħbihielu, għedtlu li kont qed naħseb fil-prologu li kelli nagħmel għall-istorja ta' D. Kiħote, u li kont sibtha hekk iebsa, li ma ridtx nagħmlu, u lanqas nagħti għad-dawl il-bravuri ta' kavalier hekk nobbli. Għaliex kif trid int li jien ma nkunx imħawwad b'dak li jgħid il-leġislatur antik li jissejjaħ il-poplu, meta jara li wara daqshekk snin li ilni rieqed minsi fis-skiet, issa noħroġ b'dawn is-snin kollha fuq spalleja b'leġġenda niexfa daqs ħaxix tal-baħar, battala minn invenzjoni, imnaqqsa mill-istil, fqira fil-ħsieb, u nieqsa minn kull erudizzjoni u tagħlim, mingħajr noti marġinali u mingħajr annotazzjonijiet fl-aħħar tal-ktieb, kif nara li huma kotba oħra, għalkemm huma favolużi u profani, hekk mimlijin b'sentenzi ta' Aristotli, ta' Platun u tal-qatgħa kollha ta' filosofi, li jammiraw il-qarrejja, u jżommu l-kittieba tagħhom bħala nies li qraw ħafna, eruditi u elokwenti? Għalhekk jiċċitaw l-Iskrittura divina! Ma jgħidux li huma San Tumas oħra u dutturi oħra tal-Knisja, waqt li jżommu f'dan dekor tant inġenjuż, li f'vers pinġew namrat nofsu rieqed, u f'ieħor jagħmlu fervorin kristjan, li huma konsolazzjoni u rigal tismagħhom jew taqrahom. Il-ktieb tiegħi għandu jkun nieqes minn dan kollu, għaliex m'għandi xejn x'nannota fil-marġini, u inqas x'nannota fl-aħħar, u naf inqas x'awturi nsegwi fih, biex inqegħdhom fil-bidu, kif jagħmel kulħadd, għall-ittri ta' l-ABC, nibda f'Aristotli u nispiċċa f'Xenofonte u f'Zoilo jeu Zeuxis, għad li l-wieħed kien jimmalafama u l-ieħor pittur. Ukoll għandu jkun nieqes il-ktieb tiegħi minn sunetti li l-awtur tagħhom huma duki, markiżi, konti, isqfijiet, dami jew poeti l-iktar magħrufa. Anki jekk nitlobhom lil żewġ jew tliet segretarji ħbieb, jien naf li jagħtuhomli, u hekk, li ma jkunux daqshom dawk ta' dawk li għandhom isem ikbar fi Spanja tagħna.

Fl-aħħar, sinjur u ħabib tiegħi, inkompli, jien niddetermina li s-sinjur D. Kiħote jitħalla midfun fl-arkivji tiegħu f'Manċa, sakemm is-sema jippreżenta 'l min iżejnu b'tant affarijiet li jonqsuh, għaliex jien inħossni nkapaċi li nirrimedjahom għall-insuffiċenza tiegħi u ftit skola, u għaliex naturalment jien ġifa u għażżien biex immur infittex kittieba li jgħidu dak li jien naf ngħid mingħajrhom. Minn

dan jiġi t-tħassib u l-eżaltament li fih sibtni: raġuni biżżejjed biex tqegħdni f'dak li smajt minn għandi. Meta sema' dan il-ħabib tiegħi ,ta daqqa b'idu fuq wiċċu u nfexx f'daħka kbira, u qalli: Għall-imħabba tiegħu, ħija, li issa wasalt biex inneħħi illużżjoni li fiha kont daż-żmien kollu li ilni nafek, li fih dejjem ħadtek bħala meqjus u prudenti f'kull ma tagħmel. Iżda issa qed nara li int tant bgħid minn dan, bħalma hu s-sema mill-art.

Kif jista' jkun dan li ħwejjeġ ta' importanza hekk żgħira u hekk ħfief biex tagħmilhom, jista' jkollhom saħħa li jwaqqfu u jżommu ġenju hekk matur bħalma hu tiegħek, u magħmul hekk biex jikser u jegħleb diffikultajiet oħra ikbar? Dan ma jiġix minn nuqqas ta' abiltà, iżda minn eċċess ta' għażż u faqar ta' diskors. Trid tara hux minnu dak li qed ngħid? Mela ismagħni sewwa, u tara kif f'ħakka t'għajn inwaqqa' d-diffikultajiet tiegħek kollha, u nirrimedja għan-nuqqasijiet kollha li qed tgħid li jfixkluk u jbeżżgħuk li tagħti għad-dawl u mera tad-dinja l-istorja tal-famuż tiegħek D. Kiħote, dawl u mera tal-kavallerija kollha miexja. Għid, irrispondejtu jien, meta smajt dak li qalli, b'liema manjera taħseb li nimla l-vojt tal-biża' tiegħi, u nnaqqas fi kjarezza t-taqlib tat-taħwid tiegħi. Għal dan hu qal: L-ewwel li tirrepara għas-sunetti, epigrammi jew eloġji li jonqsuk għall-bidu, u li għandhom ikunu ta' persunaġġi gravi u ta' titlu, tista' tirrimedja għalihom hekk li int stess tieħu ftit tax-xogħol u tagħmilhom, u mbagħad tista' tgħammidhom u tqegħdi-lhom l-isem li trid, taddottahom lil Prester John ta' l-Indja jew lill-imperatur ta' Trapisonda, li naf li jingħad li kienu poeti famużi: u meta ma kenux dan, u jekk xi pedanti u baċċellieri li minn wara jigdmuk u jgergru li mhux minnu, tħabbat moħħok xejn bihom, għaliex huma li jfittxulek il-gidba, ma jistgħux jaqtgħulek l-id li biha ktibtu.

F'dak li tiċċita fil-marġni l-kotba u l-awturi li minnhom tieħu s-sentenzi u l-għidut li jogħġbok tqiegħed fl-istorja tiegħek, ma hemmx iktar li tagħmel li tqiegħed xi sentenzi, jew bil-latin li int taf bl-amment, jew għallinqas li jiswewlek ftit xogħol tfittixhom, kif ngħidu aħna tqiegħed, dwar il-ħelsien u l-iskjavitù:

Non bene pro toto libertas venditur auro.

U mbagħad fil-marġni tiċċita Orazju jew min għidt. Jekk jogħġbok tittratta fuq is-setgħa tal-mewt, irrikorri għal:

Pallida mors aequo pulsat pede
Pauperum tabernas, regumque turres.

Jekk fuq il-ħbiberija u l-imħabba li Alla jikkmanda li għandu għall-għadu, idħol malajr fil-punt ta' l-Iskrittura divina, li tista' tagħmel b'tant kurżità, u tgħid il-kliem ta' mhux inqas mill-istess Alla: "Ego autem dico vobis: diligite inimicos vestros." Jekk jogħġbok tittratta fuq ħsibijiet ħżiena, irrikorri għall-vanġelu: "De corde exeunt cogitationes malae." Jekk fuq l-instabilità tal-ħbieb, ekku għandna Katun li jagħtik żewġ versi tiegħu:

Donec eris felix, multos numerabilis amicos,
Tempora si fuerint nubila, solus eris.

U b'dawn il-biċċiet tal-latin u oħrajn bħalhom iżommuk bħala grammatiku, u tkun dan mhux ta' ftit unur u profitt il-ġurnata tal-lum. F'dak li għandu x'jaqsam li tqiegħed annotazzjonijiet fl-aħħar tal-ktieb, żgur tista' tagħmel hekk. Jekk issemmi xi ġgant fil-ktieb tiegħek, nagħmluh li jkun il-ġgant Gulija, u b'dan biss, li m'hu se jiswielek armajn xejn, agħmel annotazzjoni kbira, hemm tista' tqiegħed: "Il-ġgant Gulija jew Goliat kien Filistew li r-ragħaj David qatel b'tefgħa kbira ta' ġebla fil-wied ta' Teberinto, skond kif jingħad fil-ktieb tas-Slaten, fil-kapitlu li intom jogħġobkom issibu li jinkiteb."

Barra dan, biex nurik bniedem erudit fl-ittri umani u kosmografu, agħmel li fl-istorja tiegħek tissemma x-xmara Tajo, u jkollok malajr lok b'annotazzjoni oħra famuża, waqt li tpoġġi: "Ix-xmara Tajo hekk intqal fuqha minn re ta' Spanja: taf it-twelid tagħha f'post tali, u tmut fil-baħar Oċean, waqt li tbus il-ħitan tal-belt famuża ta' Lisbona, u jaħsbu li għandha r-ramel tad-deheb, eċċ." Jekk jogħġok titħaddet dwar ħallelin, jien nagħtik l-istorja ta' Kako, li nafha bl-amment. Jekk dwar nisa tad-dnub, hemm hemm l-isqof ta' Mononjedo, li jisilfek Lamia, Laida u Flora, l-annotazzjoni tagħha tagħtik kreditu kbir. Jekk dwar nies krudili, Ovidju jagħtik f'idejn Medea. Jekk dwar inkantaturi u saħħarin, Omeru għandu Kalipso, u Virġilju Ċirċe. Jekk dwar kaptani kuraġġjużi, l-istess Ġulju Ċesri jagħtik lilu nnifsu fl-Kummentarji tiegħu, u Plutark jagħtik elf Alessandru. Jekk tittratta l-imħabba, b'żewġ uqijat li taf mil-lingwa toskana, tiltaqa' ma' Leon Hebreo, li jonfoħlok il-qisien. U jekk ma tridx tiġġerra ma' artijiet stranġiera, żomm f'darek Fonseca "Del Amor de Dios", fejn hemm imniżżel dak kollu li int u l-iktar wieħed inġenjuż jirnexxilu jixtieq f'suġġett bħal dan. F'kelma waħda m'hemmx iżjed ħlief li ssemmi dawn l-ismijiet, jew li tmiss dawn l-istejjer fl-istorja tiegħek, li hawn għidtlek, u

tħalli għalija l-inkarigu li nqiegħed l-annotazzjonijiet u n-noti marġinali, li jien naħliflek li jkunu hekk li jimlew il-marġni u jaħlu erba' tinjiet fl-aħħar tal-ktieb.

Issa niġu għal kif tiċċita awturi li l-kotba l-oħra għandhom, li jonqsuk f'tiegħek. Ir-rimedju li dan għandu hu ħafif ħafna, għaliex m'għandekx tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tfittex ktieb li jinnotahom kollha fil-marġni, mill-A saż-Ż, kif għidtlek. Imbagħad dan l-istess abeċedarju tqegħdu fil-ktieb tiegħek: li għad li fuq l-abjad jidher l-iswed tal-gidba, għall-bżonn ċkejken li int tagħmel użu minnhom, ma jkun ġara xejn; u jista' jkun xi ħadd jeħodha hekk ħafif, li jaħseb li dan kollu int geddist fl-istorja tiegħek sempliċi u mingħajr tiżjin. U meta dan ma jservi għal xejn iżjed, għallinqas iservi għal dak il-katalgu kbir ta' awturi biex jagħti f'daqqa awtorità lill-ktieb. Barra minn dan, ħadd ma jfittex jekk int issegwihom jew le, ħadd ma japprofitta minn dan. U iżjed minn dan, jekk qed nifhmek tajjeb, dan il-ktieb tiegħek ma għandu bżonn l-ebda ħaġa minn dak li int tgħid li hu nieqes minnu, għaliex kollu kemm hu hu tingiża kontra l-kotba tal-kavallerija, li Aristotli qatt ma qabel magħhom, lanqas San Bażilju, anqas laħaq Ċiċerun: lanqas jiġu inqas mir-rakkont ta' l-idejat fabulużi tiegħek il-puntwalitajiet tal-verità l-inqas osservazzjonijiet ta' l-astroloġija: l-inqas huma ta' importanza l-qisien ġeometriċi, l-inqas it-twaqqigħ ta' l-argumenti li jservu għar-retorika: l-inqas ma jippriedka 'l ħadd, iħawwad l-uman mad-divin, li hu qisu xorta ta' taħwid li bih m'għandu jitlibbes ebda ħsieb kristjan. F'dak li kont tikteb żammejt biss li toqrob lejn l-imitazzjoni, li meta kienet iktar perfetta, tant aħjar ikun dak li ser tikteb. U mbagħad din il-kitba tiegħek ma tħares lejn xejn iżjed ħlief li tneħħi l-awtorità u l-irbit li għandhom fid-dinja u fil-poplu l-kotba ta' kavallerija, m'hemmx għalfejn tmur tittallab sentenzi ta' filosofija, pariri ta' l-Iskrittura divina, stejjer ta' poeti, diskorsi ta' retoriċi, mirakli ta' qaddisin, iżda tagħmel li jkun mimli bi kliem sinjifikanti, onesti u mqegħdin tajjeb fid-diskors u l-perijodu tiegħek armonjuż u ferrieħi; waqt li tpinġi f'dak kollu li jogħġbok tilħaq u jkun possibbli, l-iskop tiegħek, tagħti x'tifhem il-ħsibijiet tiegħek, mingħajr ma traqqad fihom jew taħbihom. Qis ukoll li min jaqra l-istorja tiegħek, l-imdejjaq jibda jitbissem, u min jidħak jidħak iktar, is-sempliċi ma jitfixkilx, id-diskret jammira l-invenzjoni, is-serju ma jiddisprezzahiex, l-inqas il-prudenti ma jieqaf ifaħħarha. Fil-fatt, żomm l-iskop tiegħek fiss

biex tegħleb il-magna bla fondament ta' dawn il-kotba kavallereski, li ħafna jobogħduhom, u mfaħħrin minn ħafna iktar: għaliex jekk jirnexxilek dan, fa jkunx irnexxielek ftit.

Qgħadt nisma' bi skiet kbir dak li ħabibi qalli, u b'dak il-mod daħlu ġo fija r-raġunijiet tiegħu, li bla ma niddiskutilhom, aċċettajthom bħala tajbin, u tagħhom stess ridt nagħmel dan il prologu: li fih tara, qarrej ġentili, l-għerf tal-ħabib tiegħi, ix-xorti tajba tiegħi li sibt kunsillier bħal dan fi żmien tant bżonnjuż, u l-mistrieħ tiegħek li ssib l-istorja hekk sinċiera u mingħajr tidwir tal-famuż D. Kiħote de la Manċa, li l-abitanti kollha tad-distrett tal-pjanura ta' Montiel jaħsbu li kien in-namrat l-iktar safi u l-kavalier l-iktar kuraġġjuż li deher dik in-naħa għal ħafna snin f'dawk l-inħawi. Jien ma rridx infaħħar iżżejjed is-servizzi li qed nagħmillek li nagħmlek taf kavalier hekk nobbli u hekk onorat; iżda rrid li tirringrazzjani li għamiltek taf il-famuż Sancho Panza, il-ġentlom galanti tiegħu, li fih, jidhirli, nagħtik fil-qosor il-bravuri kollha grazzjużi li huma mxerrdin fiċ-ċorma tal-kotba vojta tal-kavallerija. U b'dan, Alla jagħtik is-saħħa, u lili ma jinsinix. SAĦĦA.

**L-Ewwel Parti**

tan-nobbli inġenjuż

Don Kiħote

de la Manċa

---

Li jittratta fuq il-kundizzjoni u eżerċizzju

tal-famuż nobbli D. Kiħote de la Manċa.

Kap I

F'lok de la Manċa, li l-isem tiegħu ma rridx niftakar, m'ilux żmien ħafna kien igħix nobbli minn dawk tal-lanza msinna, tarka antika, żiemel niexef u kelb tal-kaċċa ġerrej. Qolla ta' xi ħaġa iktar baqra milli muntun, laħam kiesaħ il-biċċa l-kbira tal-iljieli, dwejjaq u swied il-qalb nhar ta' Sibt, lentikki nhar ta' Ġimgħa, xi beċċun ta' paprata l-Ħdud ikkunsmaw tliet parti tal-proprjetà tiegħu. Il-bqija spiċċaw libsa tal-festa, qalziet tal-pannu għall-festi bil-papoċċ tiegħu ta' l-istess, u l-ġranet tal-ġimgħa kien junura ruħu bi ħwejjeġ tal-ħarir mill-aktar fin. Kien iżomm f'daru sinjura li għaddiet l-erbgħin, u neputija li ma laħqitx l-għoxrin, u seftur għall-għalqa u

s-suq, li hekk kien jarma ż-żiemel kif kien jaħtaf il-midra. L-età tan-nobbli tagħna kienet waslet mal-ħamsin sena: kien ta' lewn qawwi, niexef fil-laħam, xott fil-wiċċ, ibakkar ħafna filgħodu u iħobb il-kaċċa. Jixtiequ jgħidu li kellu l-laqam ta' Kiħada jew Kisada (li f'dan hemm xi differenza fl-awturi li jiktbu fuq dal-każ), hu x'inhu meta qagħdu jaqtgħu jingħata x'nifhmu li kien jismu Kiħana. Iżda dan ftit jimporta għar-rakkont tagħna...